MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 101/1997/2

Godwin Sultana
vs
Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu l-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa kien beda l-kors fl-iskola tas-Snajja precizament fid-9 ta' Settembru 1986 u baqa' jattendi l-istess skola sal-14 ta' Lulju 1990 f'liema perjodu huwa rcieva taghlim kemm teoretiku kif ukoll prattiku - Dok. "A" "A1" u "C".
Illi fil-fatt f'Gunju 1989 huwa ghamel Annual Examination meta spicca l-kors u f'Settembru tal-istess sena rega' beda jattendi l-iskola ma' apprentisti ohra;

Illi fit-3 ta' Novembru 1989 fil-Gazzetta tal-Gvern harget applikazzjoni ghal studenti biex jidhlu fl-iskema ta' tahrig estiz fis-Snajja (Bini) - Dok B.

Illi r-rikorrent kien eligibbli biex jidhol f’ din l-iskema peress illi kien attenda l-iskola tas-Snajja bhal shabu.

Illi ghalkemm shabu gew accettati fl-istess skema huwa ma rcieva l-ebda risposta u dana ghalkemm huwa kien attenda l-istess skola tas-Snajja ghal perjodu ta’ mhux anqas minn 3 snin u hames xhur u nofs - Dok D.

Illi huwa kien infurmat li ma kienx eligibbli peress illi m’ghalaqx is-16-il sena.

Illi skond il-kwalifiki tal-Gazzetta tal-Gvern, huwa kien eligibbli peress illi l-applikant ried jattendi skola tas-Snajja u l-fattur tas-snin u cioe` li jkun ghalaq sittax-il sena kienet biss alternattiva (jew) ghal min ma jkunx attenda l-kors fl-iskola tas-Snajja jew Skola Sekondarja - Dok B.

Illi ghalhekk huwa ma giex maghzul ingustament, filwaqt li ohrajn bhalu gew accettati - Dok E, E1, E2, E3, E4, E5, E6, E7.

Illi minhabba din l-ingustizzja li huwa sofra r-rikorrent gie mcahhad minn impjieg regolari mal-Gvern u sal-lum ghadu bla xoghol – Dok F.

Ghaldaqstant ir-rikorrent filwaqt li rriserva li jgib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni tar-rikors talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji billi jilqa’ t-talba tieghu u konsegwentament jinghata rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust, u ghal dan l-iskop ir-rikorrent Godwin Sultana jinghata bhal shabu studenti ohra li attendew ghall-istess kors mieghu impjieg mal-Gvern jew alternattivament jekk l-istess rimedju mhuwiex possibli u/jew li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dana taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.  Bl-ispejjez kontra l-intimati nomine.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-intimati li eccepew:

Illi talba tar-rikorrenti hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma saret ebda ingustizzja fil-konfront tieghu u dan billi l-intimati kull m’ghamlu kien illi applikaw id-disposizzjonijiet tar-regolamenti fil-konfront tieghu.

Illi huwa evidenti mill-istess sejha ghall-applikazzjonijiet illi Godwin Sultana ma kienx eligibbli ghall-post li qed jilmenta dwaru u ghalhekk la dan ma kellux dritt, m’ghandu ebda ilment x’jaghmel.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi xehed ir-rikorrent li qal li hu kien segwa kors tal-biedja u fl-1987 meta kien inbidel il-Gvern, kulhadd kien waqaf minn dan il-kors, minbarra hu u iehor u qal li l-ezamijiet tal-ahhar m’ghamilhomx ghax kien spicca mill-iskola. Qal li hu applika ghall-sejha ta’ tahrig estiz fis-snajja li kienet harget fl-1989. Qal li izda thalla barra u qatt ma rcieva xejn dwar din l-applikazzjoni. Qal li wara li hareg mill-iskola mar jirregistra u ghadu jaghmel hekk sal-lum. Hu rrefera ghal Carmel Farrugia li kien iddahhal f’din l-iskema, u dan ta’ l-ahhar kien qallu hu propja li kien dahhlu Victor Galea, li meta xehed membru Parlamentari Nazzjonalista. Hu esebixxa kopji ta’ ittri ufficjali esebiti minn fol 77 sa fol 81 tal-process. Hu pprezenta wkoll

kopja tac-certifikati medici fejn fuqu tidher id-data ngassata, u li m'humiex ic-certifikati li kien ipprezenta hu.

Xehed Carmelo Sultana missier ir-rikorrent li qal li hu dejjem segwa l-istudji ta' ibnu u li kien wiehed mill-ahjar studenti. Qal ukoll li meta ibnu ma kienx dahal fl-iskema tat-tahrig, kien mar jiccekja ghaliex u qalulu li ma giex accettat mill-Ministru ghax kien ghad m'ghalaqx is-sittax-il sena. Qal izda li Godwin Sultana kien ghamel tlett snin kors. Zied jghid li wara tiftix li ghamel sab li ddahhal certu Carmel Farrugia miz-Zebbug u dan la kien ghamel kors u lanqas kellu sittax-il sena. Qal li kitbu lill-Ministru tal-Edukazzjoni Dr Ugo Mifsud Bonnici dwar il-kaz u r-risposta kienet li t-tifel ma kienx eliggibli fl-iskema. Zied jghid li s-surmast Anton Portelli kien qallu biex jaghmel zewg certifikati medici sabiex ikun jidher li ibnu attenda l-ahhar sena tal-iskola u mhux sakemm ghalaq is-sittax-il sena. Zied ighid li c-certifikati li esebixxa t-tifel tieghu gabhom hu meta nizel Malta u mar il-Ministeru tal-Edukazzjoni, mad-Deputat tal-Partit Nazzjonalista Louis Refalo.

Xehdet Assunta Sultana omm ir-rikorrent li qalet li Godwin Sultana kien ghamel kors ta' tlett snin fil-biedja. Semmiet li Carmel Farrugia li kien iddahhal fl-iskema ta' tahrig ma kienx ghamel il-kors ma' Sultana, izda kien bdieh fl-1989. Semmiet ukoll li s-surmast Anton Portelli kien qallhom biex jipprezentaw zewg certifikati tat-tabib, u b'hekk ikun jidher li Sultana attenda skola sal-ahhar tas-sena.

Xehed Carmelo Farrugia li qal li kien dahal fl-iskema ta' tahrig estiz fis-sengha tal-bini. Qal li applika u baghtu ghalih u ma kien kellem lil hadd biex jidhol f'dik l-iskema. Qal li meta applika kien fl-ahhar sena tal-iskola sekondarja izda kien ghadu ma spiccahiex. Twieled f'Dicembru 1973 u ghalhekk ma kellux sittax-il sena.

Xehed Horace Vella li qal fl-1989 applika biex jidhol fl-iskema ta' tahrig estiz fis-snajja tal-bini. Qal li meta applika kien imur it-Technical Institute u li kien tghallem is-sengha tal-Mechanical Engineering.

Xehed Anthony Micallef li qal li kien dahal jaghmel apprendistat fis-sengha tal-bini. Qal li qabel dan kien xi sentejn jew tlieta fl-iskola tal-Biedja.

Xehed Rafel Axiaq li qal li kien ghamel apprendistat tal-bini fl-iskola tas-snajja. Qabel dahal f'din l-iskema kien fl-iskola sekondarja.

Xehed Anthony Borg li qal fl-1989 kien dahal fl-iskema tal-E.S.T.S. fis-snajja tal-bini. Qabel ma dahal f'din l-iskema kien it-Technical Institute. Qal li kellu sbatax-il sena meta dahal fl-iskema.

Xehed Marcell Bonnici li qal li l-ETC m'ghandhomx records ta' nies li dahlu fi skemi ta' E.S.T.S.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent ma ntghazilx u ma nghatatx raguni valida ghal dan waqt li haddiehor li ma kellux il-kwalifiki intghazel. Infatti lanqas fir-risposta ma nghatat raguni propja hlief illi inghad li ma saret ebda ingustizzja fil-konfront tieghu u dan billi l-intimati kull m'ghamlu kien illi applikaw id-disposizzjonijiet tar-regolamenti fil-konfront tieghu. Sostnew li huwa evidenti mill-istess sejha ghall-applikazzjonijiet illi Godwin Sultana ma kienx eligibbli ghall-post li qed jilmenta dwaru u ghalhekk la dan ma kellux dritt, m'ghandu ebda ilment x'jaghmel.

Dan kollu inghad izda ma giex indikat x'kellu nieqes la fir-risposta u lanqas matul il-kors tal-provi. Fl-istess hin irrizulta li dahal Carmelo Farrugia li ma kienx jissodisfa r-rekwiziti. Dan kollu jammonta ghal ingustizzja. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Direttur Generali tal-Edukazzjoni.

Dwar l-intimat l-iehor u cioe` l-Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura t-Tribunal jaghmel referenza ghall-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 li jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Ghalhekk certament il-kawza messha giet

istitwita biss kontra d-Direttur Generali tal-Edukazzjoni [ara wkoll Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv [li taghti d-dritt lir-rikorrent id-dritt li jaghmel il-kors issa hu bla sens, u lanqas ma jista' dan it-Tribunal jordna li r-rikorrent jinghata impieg mal-Gvern kif talab ir-rikorrent], it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].
Spejjez kontra l-intimat Direttur tal-Edukazzjoni hlief dawk relattivi ghall-Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura li jibqghu a karigu tar-rikorrent.

--------------------------------TMIEM--------------------------------